MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

## S.T.O. PRIM IMHALLEF DE GAETANO VINCENT

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Appell Kriminali Numru. 21/2001/1

**Appell Nru 21/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Farrugia**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mario Farrugia talli f'Had-Dingli u f'dawn il-Gzejjer matul ix-xhur qabel is-17 ta' Awissu, 1995 (**1**) kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis*, kollha jew parti minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101; (**2**) ikkoltiva l-pjanta *cannabis* bi ksur ta' l-Artikolu 8(c) tal-Kap. 101; (**3**) kellu fil-pussess tieghu arma (*air rifle*) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija; (**4)** fuq talba u f'isem il-Kontrollur tad-Dwana gie akkuzat ukoll talli fis-17 ta' Awwissu 1995 u/jew f'xi data qabel instab li kellu fil-pussess u/jew taht il-

kontroll tieghu *air rifle* tal-marka “H Weihrauch”, kalibru 0.22, bin-numru tas-serie 1035503, manifatturata fil-Germanja, komplut bit-*telescope*, l-importazzjoni ta’ liema arma hija projbita w/jew ristretta -- valur Lm60, dazju Lm3.60 u kienet soggetta wkoll ghat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema dazju u VAT ma gewx imhalsa u/jew kawtelatti – bi ksur ta’ l-Artikoli 60(a)(b)(c)(k) u 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 u l-Att XII tal-1994 Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud; u (**5**) fuq talba u f’isem il-Kummissarju tal-VAT gie akkuzat ukoll talli fis-17 ta’ Awissu tal-1995 u/jew f’xi data qabel, instab li kellu fil-pussess u/jew taht il-kontrol tieghu *air rifle* tal-marka “ H Weihrauch “, kalibru 0.22, bin-numru tas-serie 1035503 manifatturata fil-Germanja, komplut bit-*telescope*, u li l-importazzjoni taghha hija projbita u/jew ristretta, b’valur ta’ Lm60, dazju ta’ Lm3.60, fuq liema arma kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud, liema taxxa, li tammonta ghal Lm9.54, ma gietx imhalsa u/jew kawtelata, u dan bi ksur tal-Artikolu 65 tal-Att Dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XII tal-1994);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta’ Jannar, 2001 li permezz taghha dik il-qorti sabet lil Mario Farrugia hati skond l-imputazzjonijiet kollha, ikkundannatu hames (5) snin prigunerija u multa ta’ tlett elef lira (Lm3,000); dik il-qorti ordnat ukoll il-konfiska ta’ l-arma in kwistjoni u d-distruzzjoni tad-droga kollha ezibita (u inkarigat lill-Ispizjar Mario Mifsud ghall-fini ta’ tali distruzzjoni);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Mario Farrugia, minnu ppresentat fit-2 ta’ Frar, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza jew, alternattivament u subordinatament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; rat id-digriet taghha tat-3 ta’ Settembru, 2001 li permezz tieghu ammettiet li jixhed fi stadju ta’ appell Carmel Briffa; semghet lil dan Briffa fit-23 ta’ Novembru, 2001; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Din il-kawza tirrigwarda principalment is-sejba ta’ tlieta w ghoxrin xitla tal-pjanta *cannabis* f’ghalqa f’Had-Dingli imqabbla ghand l-appellant. Kif fisser l-ufficjal prosekutur, is-Supretendent Paul Debattista, meta xehed quddiem il-Qorti Inferjuri, il-Pulizija kellha informazzjoni li f’din l-ghalqa kienet qed tigi koltivata il-pjanta in kwistjoni. Wara li ufficjali tal-Pulizija stabbilew li fil-fatt verament kien hemm dawn il-pjanti, il-post tqieghed taht osservazzjoni ghal erbat ijiem biex forsi jinqabad minn kien qed jikkoltiva jew isaqqi dawn il-pjanti, izda f’dawk il-jiem ma intlemah hadd isaqqi jew jikkoltiva dawn ix-xtieli. Fis-17 ta’ Awissu, 1995 l-appellant gie arrestat minn razzett li jinsab f’numru 54 Main Street, Dingli (mill-atti ma jirrizultax jekk il-ghalqa fejn instabu l-pjanti taghmilx jew le ma’ dan ir-razzett). Fir-razzett il-Pulizija sabu *air rifle* li ghaz-zamma taghha l-appellant ma kellux licenzja. Saret tfittxija ohra fir-residenza ta’ l-imputat fejn, skond diversi ufficjali tal-Pulizija[1] fuq il-bejt jew vicin il-bejt kien hemm xi karti ta’ l-ixkejjer u fuqhom kien hemm minn jghid trab u minn jghid weraq suspettati li kienu *cannabis*. Hekk, per ezempju, is-Supretendent Debattista jghid:

**Saret tfittxija fir-residenza ta’ l-imputat u hemmhekk il-Pulizija fil-kamra tal-bejt sabu xi frak ta’ haxix iswed suspettat ukoll li huwa *cannabis*. Dana kien, jekk m’hiniex sejjer zball, fuq bicca karta tal-*brown paper* f’kamra ta’ fuq ta’ l-istess dar.**

Din il-Qorti ma tarax li hemm ghalfejn qoghod ticcita minn dak li xehedu Paul Scerri, Joseph Tonna u Gino Demanuele – ara nota *in calce* – ghar-raguni li ser tigi spjegata aktar ‘l quddiem f’din is-sentenza. Jigi sottolineat biss li ma ttiehdu ebda ritratti ta’ dan il-frak jew trab *in situ*.

L-appellant dejjem cahad li huwa kellu b’xi mod x’jaqsam ma’ dawn il-pjanti jew mat-trab jew frak tal-*cannabis* li nstab fir-residenza tieghu – <u>jekk</u> dak li nstab fuq il-karti ta’ l-ixkejjer kien verament weraq jew trab tal-*cannabis*. L-

---

[1] Ara Supt. Paul Debattista, fol. 53; P.S. 1052 Paul Scerri, fol. 61; P.S. 951 Joseph Tonna, fol. 69; P.C. 1491 Gino Demanuele. Ara wkoll id-deposizzjoni tas-Surgent 951 Joseph Tonna in kontro-ezami a fol. 150 sa 103, kif ukoll dik tas-Surgent 1052 Paul Scerri, ukoll in kontro-ezami, a fol. 104 sa 105.

appellant dejjem sostna li huwa kien ilu ma jidhol f'dik l-ghalqa partikolari – ghax fil-fatt kellu ghelieqi ohra fil-vicinanzi – minn April ta' dik is-sena (1995) (ara l-istqarrija ta' l-appellant, partikolarment fol. 57 u 58[2]) Ghandu jigi precizat li ma gie prodott ebda xhud li jghid li ra lill-appellant diehel fil-ghalqa fejn instabu x-xtieli fil-granet, gimghat jew xhur immedjatament precedenti is-17 ta' Awissu, 1995. Minkejja dan l-ewwel qorti sabet lill-appellant Farrugia hati tar-reat ta' koltivazzjoni tal-pjanta *cannabis* – bl-assorbiment fiha tal-akkuza ta' pussess ta' l-istess droga – ghar-raguni segwenti:

**Illi din il-Qorti, wara ezami rett tal-provi, issibha difficili hafna sabiex tikkonsidera bhala veritjera l-allegazzjoni tal-imputat li minn April sa Awissu huwa ma kien resaq qatt lejn l-ghalqa imqabbla ghandu u <u>li huwa kien ghadu jahdem u fejn kien ihalli l-ghodda tieghu</u>. Il-Qorti issibha difficli, fic-cirkostanzi tal-kaz, li temmen li l-imputat kien inkonsapevoli ta' l-esistenza ta' dawk ix-xtieli.**

**Fatt li jimmerita konsiderazzjoni in propositu huwa dak, li jihder car mir-ritratti ezibiti, li ghalkemm uhud mix-xtieli kienu mizrugha go kontenituri, numru sostanzjali minnhom kien <u>mizrugh direttament fil-hamrija fl-ghalqa</u>…liema fatt juri li <u>l-koltivazzjoni u t-tisqija taghhom kienet saret u baqghet issir fuq periodu ta' zmien *fl-ghalqa de quo*</u> (li l-espert forensiku kkalkola li kien ta' cirka hames xhur). Din il-konsiderazzjoni fattwali timmilita kontra l-ipotesi li xi hadd, bi skop malinn, kien <u>pogga</u> ix-xtieli hemm u mbghad informa lill-pulizija bl-esistenza taghhom.**

**Illi di piu` il-Qorti tosserva li hija inverosimili it-tesi li terza persuna tikkoltiva numru ta' xtieli f'ghalqa ta'**

---

[2] M. Dik il-ghalqa min jahdimha?
R. Gieli hdimta jien u gieli jghinuni.
M. Din is-sena min hadimha?
R. Hratha bil-mutur jien.
M. Meta?
R. L-ahhar li kien hemm it-tewm, qlajtu u hrattu.
M. Meta ghamilt dan ix-xoghol?
R. Qisu April.

**haddiehor ghal <u>cirka hames xhur</u>, bir-riskju li l-okkupant taghha jitfacca improvvisament; *multo magis* meta jigi kkonsidrat li l-okkupant u cioe` l-imputat <u>ihalli l-ghodda hemm</u> u di piu` ghandu <u>ghelieqi ohra fl-vicinanzi</u>.**

Kif inhu risaput, din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti; din il-Qorti, bhala qorti ta’ appell u ghalhekk ta’ revizjoni, u li ma tkunx semghet ix-xhieda *viva voce*, taghmel ezami approfondit u dettaljat tal-provi kollha biex tara jekk l-ewwel qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li fil-fatt tkun waslet ghaliha.

Mit-tlett paragrafi, appena citati, tas-sentenza ta’ l-ewwel qorti hu evidenti li dik il-qorti waslet ghall-konkluzzjoni taghha ta’ htija dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet <u>esklussivament a bazi ta’ provi indizzjarji</u>, senjatament il-fatt li l-koltivazzjoni sehhet <u>fi proprjeta` li kienet fil-pussess ta’ l-imputat</u> (ghax l-ghalqa kienet imqabbla ghandu), u li <u>l-metodu u z-zmien li hadet il-koltivazzjoni</u> kien necessarjament ifisser li l-istess imputat <u>ma setax ma kienx jaf bil-koltivazzjoni li kienet qed issir hemm</u>.

Wara li din il-Qorti ezaminat bl-akbar reqqa l-provi kollha, hi tal-fehma li ma tistax tikkondividi l-konluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti, u li dik il-konkluzzjoni kienet, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, wahda mhux ragjonevoli. Ghalkemm huwa veru li l-fatt li pjanti tal-*cannabis* jinstabu mizrugha fil-proprjeta` ta’ persuna hija indikazzjoni qawwija, u xi mindaqqiet prova konklussiva, li dik il-persuna kienet taf b’dawk il-pjanti u/jew li ikkoltivathom hi stess, wiehed irid necessarjament iqis <u>ic-cirkostanzi kollha tal-post in kwistjoni</u>. Cirkostanza evidentement importanti hi jekk il-post *de quo* ikunx accessibbli biss ghall-persuna imputata jew jekk ikunx ukoll accessibbli ghal nies ohra. Kif tajjeb josserva l-appellant, permezz ta’ l-abbili difensuri tieghu, fir-rikors ta’ appell, l-ewwel qorti assumiet li l-ghalqa in kwistjoni kienet <u>qed tinhadem</u> mill-appellant <u>fil-periodu tal-koltivazzjoni tal-*cannabis*</u> u fl-istess hin injorat il-provi kollha li kienu jindikaw <u>l-access li kellhom persuni ohra</u> ghal dik l-istess ghalqa (ara l-aggravji kontenuti fil-

paragrafi A(i) u A(ii) tar-rikors ta’ appell). Issa, skond Dott. Anthony Abela Medici, prodott mid-difiza a fol. 159 sa 160, it-tul tal-pjanti kien jindika li dawn x’aktarx inzerghu qrib April. Ma hemm ebda prova li tindika li xi darba minn April l-quddiem – jigifieri sa meta l-pjanti gew maqlugha mill-Pulizija fis-17 ta’ Awissu, 1995 – l-appellant qatt dahal fl-ghalqa in kwistjoni. Mhux biss l-appellant jghid li hu qatt ma dahal f’dan il-periodu, izda dan il-fatt jikkonfermawh ukoll Anton Axiaq (fol. 142, 143), Gordon Zammit (fol. 146 sa 148) u Angelo Muscat (fol. 149 sa 151). L-appellant ta spejgazzjoni plawsibbli, u li ma gietx kontradetta b’xi prova tal-prosekuzzjoni, ghala kien ihalli xi ghodda mghottija fil-ghalqa – *“Dak iz-ziju dejjem kien ihallihom hemm u baqghet usanza, pero` gieli nhallihom [f’xi] ghalqa ohra jekk inkun qed nahdem fiha”* [3]-- u jirrisulta mix-xhieda prodotti mill-appellant quddiem l-ewwel qorti – Gordon Zammit u Angelo Muscat – li l-ghalqa mhux biss kienet accessibbli ghal kulhadd, izda hafna nies kienu jidhlu fl-ghelieqi f’dawk l-akkwati. Addirittura anke wiehed mix-xhieda tal-prosekuzzjoni stess – P.C. 675 Mario Micallef (fol. 64) – li kien qed jaghmel osservazzjoni tal-post fejn kien hemm ix-xtieli, jghid hekk:

**Imbghad fil-15 [ta’ Awissu] f’Santa Marija ergajna morna fl-4.00 am. U ghamilna sad-9.00 am, iccekkjajna l-pjanti u dawn kienu kif hallejnihom filghaxija. Imbghad tlaqna fid-9.00 am minn hemhekk <u>peress li kienet Public Holiday u bdew gejjin xi kaccaturi u nies</u>, u ergajna morna fis-7.00 pm. Ergajna iccekkjajna l-istess pjanti u sibnihom li kienu daqsxejn niedja, ma kienux xotti bhalma hallejnihom ahna. Hemmhekk ergajna ghamilna sa nofs il-lejl.** (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Kif tajjeb osservaw l-abbili difensuri tal-appellant, hija haga pjuttost stramba kif il-pulizija ghazlu li jwarrbu minn fuq il-post proprju kif bdew gejjin in-nies – bhallikieku minn kien qed jikkoltiva billi jsaqqi l-pjanti kien necessarjament ser jgahmel dan biss bejn is-sebgha ta’ filghaxija u d-disgha ta’ filghodu.

---

[3] Ara stqarrija, fol. 58.

Huwa veru li, kif jirrisulta mir-relazzjoni tal-A.I.C. Richard Aquilina (ara l-atti tal-*proces verbal*, fol. 26 *et seq.*), fil-ghalqa *de quo* kien hemm (kif tidhol fil-ghalqa mill-isqaq) tlett tankijiet b'ammonti diversi ta' ilma fihom, ilma li presumibbilment kien qed jintuza ghat-tisqija tal-pjanti[4]; pero` fid-dawl tal-provi kollha dana l-fatt ma jistax jittiehed bhala xi prova deciziva li kien l-appellant li kien qed isaqqi l-pjanti jew altrimenti jikkoltivahom. Determinanti f'dan kollu hija d-deposizzjoni ta' Carmelo Briffa[5] li, kif inghad, xehed fi stadju ta' appell wara li din il-Qorti laqghet it-talba ta' l-appellant taht l-Artikolu 424(a) tal-Kodici Kriminali. Skond dana Briffa – xhud li din il-Qorti ma ghandha ebda raguni ghala ma temmnux – xi xahar u nofs qabel ma' l-appellant kien gie arrestat (fis-17 ta' Awissu, 1995) huwa kien ra mid-dar tieghu u f'zewg okkazzjonijiet differenti, tnejn minn nies jidhlu fil-ghalqa mghobbijin bil-*jerry cans*. L-imsemmi Briffa xehed li huwa cert li fost dawn it-tnejn minn nies ma kienx hemm l-appellant.

Tibqa' l-kwistjoni tal-trab jew weraq misjuba fuq il-bejt jew vicin il-bejt fir-residenza ta' l-appellant. Il-prosekuzzjoni qed tallega li dan it-trab jew weraq kienu weraq tal-*cannabis*, u l-ewwel qorti jidher li hekk ukoll ikkonkludiet. In fatti l-ewwel qorti qalet hekk fis-sentenza taghha:

**Illi dan l-espert[6] ha kampjuni mix-xtieli fuq indikati[7] u, <u>flimkien mal-weraq ahdar kkonsenjati lilu minn PS 951 Joseph Tonna</u>, *"tpoggew individwalment go invelopp kannella tal-Gvern ta' Malta; b'kollox kien hemm 23 invelopp…" (Dok. AG – CG fol. 20)*. Dawn gew konsenjati minnu lill-espert forensiku Dr. Anthony Abela Medici li kkonkluda li fl-invelopps <u>kollha</u> kien <u>*hemm evidenza ta' weraq tal-cannabis sativa*</u>.**

Din il-Qorti, pero`, tosserva li hawnhekk bilfors hawn xi tahwida, tahwida li la l-appellant u anqas il-prosekuzzjoni

[4] Ara wkoll ir-ritratti EC4, EC5 u EC6.
[5] Fol. 211 sa 220.
[6] P.C. 881 Charles Grech.
[7] *"…**23 xitla tal-pjanta cannabis sativa** gholjin minn minimu ta' 1.25 metri sa massimu ta' 2.50 metri – medja ta' zewg metri."*

ma jidher li intebhu biha. Xtieli kien hemm 23 – dawn gew dokumentati wahda wahda minn P.C. 881 fir-relazzjoni tieghu (ara Dok. CG, fol. 18). L-ixkora tal-karti li fuqha allegatament kien hemm it-trab jew weraq in kwistjoni giet konsenjata lil dana l-espert mill-Ispettur (in segwitu Supretendent) Debattista. Fir-relazzjoni jinghad hekk:

**Illi aktar tard dak inhar stess cioe` nhar is-17 ta' Awissu 1995, l-esponent gew ikkonsenjati lilu mill-Ispettur P. Debattista zewg boroz tal-plastik li kellhom xi affarijiet fihom. Dawn gew elevati mill-Pulizija tal-iskwadra kontra l-vizzji dak in-nhar stess minn fond bl-isem St. Rita St. Mary Str., Dingli. Wahda minn dawn il-boroz kien fiha xi trab fiha li huwa allegat pyrotechnic, filwaqt li l-borza l-ohra fiha xkora tal-karti tal-alf tal-fniek (rabbit nuts). L-esponent qed jiddokumenta din il-borza ta' l-ahhar imsemmija bhala:**

**95BQF 14: Borza trasparenti kontenenti xkora tal-karti elevata mill-vice sqad cioe` minn PS951, PS1052 u PC1491 nhar is-17 ta' Awissu 1995 minn Dingli.**

Ghandu jigi nnotat hawn li ghal xi raguni f'dana l-istadju kienet biss il-karta li giet mghoddija lil P.C. 881 – il-weraq jew trab ahdar kien konsenjat lilu l-ghada:

**Illi l-ghada cioe` it-18 ta' Awissu 1995, l-esponent gew ikkonsenjati lilu minn PS951 J. Tonna tal-iskwadra kontra l-vizzji, weraq ta' xitla hadra li gew elevati minnhom stess. Dan il-weraq kif ukoll kampjuni mix-xtieli hawn fuq imsemmija fil-paragrafu numru 5** [ix-xtieli, kif inghad, kienu 23 – il-Qorti]**, gew ikkonsenjati lil Dr. A. J. Abela Medici ghall-analizi rispettivi tieghu nhar it-23 ta' Awissu 1995. Dawn il-weraq tpoggew individwalment gewwa invilopp kannella tal-Gvern ta' Malta, b'kollox kien hawn 23 invilopp, fejn gew individwalment immarkati minn: 95BQF301A sa 95BQF322.**

Il-Qorti tistaqsi: jekk kien hemm 23 xitla u ttiehed kampjun minn kull xitla, x'sar mit-trab jew weraq misjub fuq l-ixkora

tal-karti biex l-ammont totali ta' *envelopes* li gew konsenjati lil Dott. Abela Medici baqa' 23? Il-weraq jew trab ahdar misjub fir-residenza tal-appellant thallat ma' xi kampjun mehud minn xi xitla? Jew kien hemm xi xitla li ma ttehidx kampjun minnha? U mid-dokumenti 95BQF301A sa 95BQF322, liema kien id-dokument kontenenti t-trab jew weraq ahdar (jew kampjun tieghu) li gew elevati mir-residenza ta' l-appellant? Ghal dawn il-kweziti kollha – li jmorru biex jistabilixxu l-identita` ta' l-oggett li jkun qed jigi ezaminat biex wiehed jista' jkun cert li r-risultat jirreferi ghal repert partikolari u mhux ghal iehor – ma hemmx risposta. Dott. Abela Medici, fir-relazzjoni tieghu Dok. AM1 ezamina proprju 23 *sample* – ezatt daqs kemm kien hemm xtieli! U fil-fatt Dott. Abela Medici, fir-relazzjoni tieghu, jikkonkludi hekk:

**Illi ghaldaqstant l-esponent jiddikjara li sab evidenza ta' weraq tal-Cannabis sativa elevati mix-xtieli tal-Cannabis sativa misjuba gol-Ghalqa f'Had-Dingli li kellhom piz komplessiv ta' 12.5 kilogrammi[8] netti.** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Hu evidenti ghalhekk li ma jistax jinghad li hemm il-prova tal-analizi tat-trab jew weraq misjuba fir-residenza ta' l-appellant. Fic-cirkostanzi din il-Qorti ser tillibera lill-appellant mill-ewwel zewg imputazzjonijiet.

L-appellant jilmenta wkoll mill-fatt li huwa nstab hati skond l-imputazzjoni li tipotizza ksur ta' l-Ordinanza tad-Dwana (ir-raba' imputazzjoni). L-aggravju hu migjub hekk: *"Illi bir-rispett lejn l-ewwel Qorti ma setghet tinstab ebda htija dwar dan ir-reat stante li mill-istqarrija ta' l-esponent dan l-*air rifle *nxtara tmien snin qabel, u kwindi l-azzjoni penali kienet fis-17 ta' Lulju 1996 ossia d-data meta l-esponent tressaq il-Qorti, preskritta. Illi minghajr pregudizzju mill-provi prodotti m'hemm xejn x'jindika li setghet tinstab htija a bazi tas-sentenzi citati mill-ewwel Qorti."* Issa, mid-diversi paragrafi ta' l-Artikolu 62 tal-Kap. 37 indikati fl-imputazzjoni numru erbgha (kif ukoll fil-*letter to prosecute*

[8] Dan il-piz huwa dak moghti minn P.C. 881 fir-relazzjoni tieghu u jirreferi ghall-piz tat-23 xitla li huwa wizen bil-boroz b'kollox.

tal-Kontrollur tad-Dwana a fol. 31), dawk li jistghu jkunu applikabbli ghall-imputazzjoni kif redatta huma il-paragrafi (f) u (g). Sia jekk l-oggett in kwistjoni jikkwalifika bhala arma tan-nar[9], u ghalhekk l-azzjoni kellha tibda fi zmien ghaxar snin mid-data ta' l-importazzjoni ta' dak l-oggett (Art. 76(2)(a), Kap. 37), u sia jekk le, b'mod li l-azzjoni trid tinbeda fi zmien hames snin mid-data ta' l-importazzjoni (Art. 76(2)(b)[10]), din id-data ta' importazzjoni trid tigi ppruvata mill-prosekuzzjoni sabiex ikun jista' jigi determinat jekk l-azzjoni penali ttehditx entro z-zmien stabbilit fl-imsemmi Artikolu 76, u dan kif gie rilevat diversi drabi minn din il-Qorti (ara, fost ohrajn, ***Il-Pulizija v. Giovanni sive John Grima*** App. Krim. 25 ta' Ottubru, 2002). F'dan il-kaz id-data ta' importazzjoni ma tirrisulta minn imkien. Fir-relazzjoni ta' l-espert ballistiku P.S. 31 G. Agius (Dok. GA) anqas ma hemm id-data tal-manifattura ta' l-arma in kwistjoni, data li kieku giet stabbilita wiehed seta', forsi, minnha jiddeduci d-data tal-importazzjoni peress li oggett manifatturat barra minn Malta ma jistax jigi impurtat qabel id-data tal-manifattura tieghu. Ghalhekk din il-Qorti jkollha necessarjament tillibera lill-appellant mir-raba' imputazzjoni.

Kwantu ghall-hames imputazzjoni, l-aggravju ta' l-appellant huwa wiehed semplici u huwa wkoll fondat: l-appellant jikkontendi li meta huwa xtara l-arma in kwistjoni tmien snin qabel l-1995 – u l-unika prova ta' kif din l-arma giet f'idejn l-appellant tirrisulta mill-istqarrija tieghu lill-Pulizija fejn proprju jammetti li l-*air rifle* kien xtraha tmien snin qabel – il-ligi tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma kienitx fis-sehh. Kif inghad, l-appellant ghandu ragun, u din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tiddilunga fuq dan l-aggravju.

Jibqa' x'jigi kkunsidrat l-ahhar aggravju ta' l-appellant. Huwa jikkontendi li ma setax jinstab hati skond it-tielet imputazzjoni peress li l-arma kellha difett b'mod li ma kienitx tikkwalifika bhala arma ghall-fini ta' l-Artikolu 2 tal-

[9] Il-Kap. 37 ma jgahtix definizzjoni ta' "arma tan-nar" bhalma wiehed isib fl-Artikolu 2 tal-Kap. 66.
[10] Kif dan l-Artikolu kien qabel l-emenda introdotta bl-Artikolu 11 ta' l-Att XII ta' l-2001.

Kap. 66. Dana l-aggravju hu infondat. Ghalkemm huwa minnu li P.S. 31 G. Agius jghid li l-*lever* li bih tigi kkargata l-*air rifle* kien mghawweg, probabbilment minhabba li qala xi daqqa, huwa xorta wahda seta’ jispara l-arma billi jzarmaha minn mac-cipp. Ghalhekk l-arma in kwistjoni kienet tissodisfa d-definizzjoni ta’ “arma tan-nar” moghtija fl-Artikolu 2 tal-Kap. 66.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (1) thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond l-ewwel, it-tieni, ir-raba’ u l-hames imputazzjonijiet, u minnhom tilliberah; (2) thassarha u tirrevokaha wkoll f’dik il-parti fejn ikkundannatu hames snin prigunerija u multa ta’ tlett elef lira, u minflok tikkundannah (fuq it-tielet imputazzjoni biss) multa ta’ mitejn lira (Lm200), konvertibbli f’erbghin gurnata prigunerija fin-nuqqas ta’ pagament skond il-ligi; u (3) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, cioe` fejn l-appellant instab hati skond it-tielet imputazzjoni u fejn l-ewwel qorti ordnat il-konfiska ta’ l-arma u d-distruzzjoni tad-droga.

Aldo Testone
Assistent Registratur